

## **L-Iran: Dikjarazzjoni mir-Rappreżentant Għoli f'isem l-Unjoni Ewropea dwar l-allinjament ta' ċerti pajjiżi rigward miżuri restrittivi fid-dawl tal-appoġġ militari tal-Iran għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u lil gruppi u entitajiet armati fil-Lvant Nofsani u fir-reġjun tal-Baħar l-Aħmar**

Fil-25 ta' Lulju 2025, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni emendatorja (PESK) 2025/1547<sup>1</sup> li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2023/1532 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-appoġġ militari tal-Iran għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u lil gruppi u entitajiet armati fil-Lvant Nofsani u fir-reġjun tal-Baħar l-Aħmar.

Il-Kunsill iddeċieda li l-miżuri restrittivi għandhom jiġu estiżi sas-27 ta' Lulju 2026, u li jiġu aġġornati l-entrati li jikkonċernaw żewġ persuni u entità waħda elenkati fl-Anness tad-Deċiżjoni (PESK) 2023/1532.

L-Albanija, il-Bożnija-Ħerzegovina, l-Iżlanda, il-Liechtenstein, il-Maċedonja ta' Fuq, il-Montenegro, in-Norveġja, ir-Repubblika tal-Moldova u l-Ukrajna jallinjaw ruħhom ma' din id-Deċiżjoni tal-Kunsill.

Dawn ser jiżguraw li l-politika nazzjonali tagħhom tikkonforma ma' din id-Deċiżjoni.

L-Unjoni Ewropea tiegħu nota ta' dan l-impenn u tilqgħu b'sodisfazzjon.

---

<sup>1</sup>ĠU L, 2025/1547, 25.07.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2025/1547/oj>.